**Appell ippreżentat fil-15 ta' Diċembru 2021 minn Wolfgang Kappes mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (l-Għaxar Awla) fit-13 ta' Ottubru 2021 fil-Kawża T-429/20, Sedus Stoll AG vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-784/21 P)**

(2022/C 213/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellant:* Wolfgang Kappes (rappreżentanti: B. Schneiders, J. Schneiders, T. Pfeifer, N. Gottschalk, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Sedus Stoll AG, L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet, permezz ta' digriet tal-5 ta' April 2022, li l-appell ma għandux jiġi ammess u li l-appellant għandu jiġi kkundannat għall-ispejjeż.

---

**Appell ippreżentat fil-15 ta' Diċembru 2021 minn Wolfgang Kappes mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Għaxar Awla) fit-13 ta' Ottubru 2021 fil-Kawża T-436/20, Sedus Stoll AG vs L-Uffiċċju għall-Proprjeta Intellettwali tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-785/21 P)**

(2022/C 213/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellant:* Wolfgang Kappes (rappreżentanti: B. Schneiders, J. Schneiders, T. Pfeifer, N. Gottschalk, Rechtsanwälte)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Sedus Stoll AG, L-Uffiċċju għall-Proprjeta Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-5 ta' April 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell ma għandux jiġi ammess u kkundannat lill-appellant għall-ispejjeż tiegħu stess.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Barcelona (Spanja) fl-20 ta' Diċembru 2021 – Bankia SA vs WE u XA**

**(Kawża C-810/21)**

(2022/C 213/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Audiencia Provincial de Barcelona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Bankia SA

*Konvenuti:* WE u XA

**Domandi preliminari**

1) Fil-kuntest ta' rikors intiż sabiex jiġu sostnuti l-effetti restituttivi tad-dikjarazzjoni tan-nullità ta' klawżola li timponi fuq min jissellef l-ispejjeż għall-konklużjoni tal-kuntratt, il-fatt li l-preżentata tar-rikors tiġi suġġetta għal terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin li jibda jiddekorri mill-mument fejn il-klawżola teżawrixxi l-effetti tagħha bil-ħlas tal-aħħar pagament, mument li fih il-konsumatur isir jaf bil-fatti li huma ta' natura inġusta, huwa kompatibbli mal-Artikolu 6(1) u mal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/2013/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur [1], jew huwa neċessarju li l-konsumatur ikollu informazzjoni komplementari dwar l-evalwazzjoni legali tal-fatti?

Fil-każ li l-għarfien tal-evalwazzjoni legali tal-fatti jkun neċessarju, il-punt ta’ tluq tat-terminu għandu jkun suġġett għall-eżistenza ta’ ġurisprudenza stabbilita sew dwar l-invalidità ta’ klawżola, jew il-qorti nazzjonali tista’ tieħu inkunsiderazzjoni fatti differenti?

2) Peress li l-azzjoni għal restituzzjoni hija suġġetta għal perijodu ta’ preskrizzjoni twil ta’ għaxar snin, f’liema mument il-konsumatur għandu jkun f’pożizzjoni li jkun jaf bin-natura inġusta tal-klawżola u d-drittijiet li tagħtih id-direttiva, qabel ma jibda jiddekorri t-terminu ta’ preskrizzjoni jew qabel ma dan it-terminu jiskadi?

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Barcelona (Spanja) fl-20 ta’ Diċembru 2021 – Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, SA vs TB u UK**

**(Kawża C-811/21)**

(2022/C 213/25)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Audiencia Provincial de Barcelona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, SA

*Konvenuti:* TB u UK

**Domandi preliminari**

1) Fil-kuntest ta’ rikors intiż sabiex jiġu sostnuti l-effetti restituttivi tad-dikjarazzjoni tan-nullità ta’ klawżola li timponi fuq min jissellef l-ispejjeż għall-konklużjoni tal-kuntratt, il-fatt li l-preżentata tar-rikors tiġi suġġetta għal terminu ta’ preskrizzjoni ta’ għaxar snin li jibda jiddekorri mill-mument fejn il-klawżola teżawrixxi l-effetti tagħha bil-ħlas tal-aħħar pagament, mument li fih il-konsumatur isir jaf bil-fatti li huma ta’ natura inġusta, huwa kompatibbli mal-Artikolu 6(1) u mal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/2013/KEE tal-5 ta’ April 1993 dwar klawżoli inġusti f’kuntratti mal-konsumatur [1], jew huwa neċessarju li l-konsumatur ikollu informazzjoni komplementari dwar l-evalwazzjoni legali tal-fatti?

Fil-każ li l-għarfien tal-evalwazzjoni legali tal-fatti jkun neċessarju, il-punt ta’ tluq tat-terminu għandu jkun suġġett għall-eżistenza ta’ ġurisprudenza stabbilita sew dwar l-invalidità ta’ klawżola, jew il-qorti nazzjonali tista’ tieħu inkunsiderazzjoni fatti differenti?

2) Peress li l-azzjoni għal restituzzjoni hija suġġetta għal perijodu ta’ preskrizzjoni twil ta’ għaxar snin, f’liema mument il-konsumatur għandu jkun f’pożizzjoni li jkun jaf bin-natura inġusta tal-klawżola u d-drittijiet li tagħtih id-direttiva, qabel ma jibda jiddekorri t-terminu ta’ preskrizzjoni jew qabel ma dan it-terminu jiskadi?

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Barcelona (Spanja) fl-20 ta’ Diċembru 2021 – Banco Santander, SA vs OG**

**(Kawża C-812/21)**

(2022/C 213/26)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Audiencia Provincial de Barcelona